U l-marella tad-dinja
Titħabbel kull ma tmur
Għax lil min jaf isewwi
In-nies bagħtitu jdur.

U ġralna li aħna tħabbilna wkoll ma' din id-dinja u f'din id-dinja mgħaġġla u ġerrejja, dinja bla sabar, bla heda u bla mistrieħ... imma ġralna wkoll li bla mistħija ta' xejn, għandna l-ħila ngħajtu :

Imma għandna l-ajruplani
It-talkie, l-wajjerless,
Evviva s-seklu tagħna,
Is-seklu tal-progress.

(Dun Karm.)

Il-Maltin il-lum huma qalb waħda għax il-hemm u n-niket għallimhom jingħaqdu. Jeħtiġilhom issa li fil-ħwejjeġ t'Alla u tar-ruħ jimxu fit-triq lilhom mifruqa minn missirijiethom, u hekk isseħħ it-talba li bl-eluf ġiet imqassma fl-ibliet u fl-irħula tagħna.

Bierek din l-art għażiża
"Sultana tar-Rebħiet ! Tas-Sliem Qawsalla !
Missirijietna bik rebħu l-egħdewwa ;
Newwel dik l-Id qaddisa
Seddaq l-Emmna ta' Malta,
U tagħna kun int l-Omm, il-Ħajja, l-Ħlewwa."

Brother Amedy.

---

M. KISSAUN—"*Il-Ħajja tar-Re u r-Reġina Tagħna.*"

Waslitilna t-tielet edizzjoni tal-ktieb "Il-Ħajja tar-Re u r-Reġina Tagħna", miktub minn M. Kissaun, awtur ta' kotba oħra bil-Malti. Din l-edizzjoni ħarġet bis-saħħa tal-"British Council" li ilu jaħdem żmien fostna għall-kultura Anglo-Maltija. Kissaun jistħoqqlu t-tifħir tagħna l-ewwel-nett, għax il-ktieb hu miktub tajjeb u bi stil mexxej, u t-tieni għax fi żmenijiet imħawda bħal dawn għaraf jagħti ktieb ieħor bil-Malti.

# ILĦNA TA' QNIEPEN

Mill-knisja ta' San Ġwann, b'ħoss tqil u mdejjaq,
Nisma' jitriegħed leħen ta' qanpiena ;
Warajh iwieġbu oħrajn : f'siegħa ta' dwejjaq
Donnhom mis-Sema qed jittallbu ħniena.

—Ħniena u Mħabba u Sliem lil dawk il-ħlejjaq
Li qed jiġġieldu, u mill-ġlied għajjiena ;
Mulej, il-ġnus mill-Marda kiefra fejjaq,
Ar'hom resqin għal mewt, siekta w ħosbiena.—

Mhux intom, Qniepen, li fl-eħrex taqtiegħa
Dwejtu, qalb waħda, 'l fuq mill-ħsejjes kbar,
U tlabtu jieqaf it-taqtigħ u n-nar ?

Leħenkom fil-qalb jidħol u jagħniha
B'rabta ta' mħabba u bid-dmugħ ta' ndiema,
U jtenni b'leħen kiebi : Sliema ! Sliema !

Ġużè Chetcuti.

# Għanjet in-nies b'ġieħ lil San Duminku

Kalaroga, Bolonja u Malta,
Faħħru bl-għana l-Qalbien tat-twemmin,
Dak li għattab il-ħila għadwija,
U s-sliem radd lill-Insara mħabbtin.
Xandâr tal-Mulej,
Kun lilna l-Mexxej.

Faħħru bl-għana s-Selliet ta' Bin Alla,
Dak li rażżan qillet il-Albin.
U x'ħin leħħ bit-tgħakkis wisq imqaddes
Idda wkoll Kewkba t'Alla 'l-bnedmin.
Xandâr tal-Mulej,
Kun lilna l-Mexxej.

Faħħru bl-għana d-Dawwâla wis-Susan,
Dak li bjudet xbubitu għażż sew,
U biex jeħles l-imtarrfa f'tiġrifa
Kibes b'nar, nxegħel b'ħerqa tassew.
Xandâr tal-Mulej,
Kun lilna l-Mexxej.

Mag.